MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1649/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Joseph Grech**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm186.63c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 7478 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Ottubru 2003 u Frar 2004.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-PL Peter Sammut jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------